SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

2 ta' April 2009 [1]

Fil-Kawża C-134/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' April 2008, fil-proċedura

Hauptzollamt Bremen

vs

J. E. Tyson Parketthandel GmbH hanse j.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Borg Barthet (Relatur) u E. Levits, Imħallfin,

1 — Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn S. Schønberg u C. Hermes, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2193/2003 tat-8 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' ċertu prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 15, p. 6).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-Hauptzollamt Bremen (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt") u J. E. Tyson Parketthandel GmbH hanse j. (iktar 'il quddiem "Tyson Parketthandel") dwar il-ġbir ta' dazju doganali addizzjonali fuq lott ta' strixxi tal-parkè li joriġina mill-Istati Uniti.

Il-kuntest ġuridiku Komunitarju

3 Il-premessi 3, 5 u 6 tar-Regolament Nru 2193/2003 jipprovdu:

"(3) Huwa kkonsidrat li fil-bidu, l-imposizzjoni ta' dazju addizzjonali f'diversi stadji sa 17 % *ad valorem* fuq importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika jitqies bħala kontro-miżura xierqa, minħabba li l-Istati Uniti ta' l-Amerika naqset li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tad-DSB. Wara li jintlaħaq il-livell ta' dazju addizzjonali msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill sabiex jittieħdu azzjonijiet oħra fid-dawl ta' l-iżviluppi li jkunu seħħew.

[…]

(5) Prodotti li qabel id-data li fih beda jseħħ dan ir-Regolament, inħarġitilhom liċenza ta' importazzjoni b'eżenzjoni minn, jew riduzzjoni tad-dazju, ma jkunux suġġetti għal dazju doganali addizzjonali.

(6) Prodotti li jiġi ppruvat li kienu esportati mill-Istati Uniti ta' l-Amerika lejn il-Komunità qabel id-data li fiha bdew iseħħu ż-żidiet fid-dazji doganali, ma jkunx suġġetti għal dawn id-dazji doganali addizzjonali."

4 Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament:

"Id-dazju addizzjonali *ad valorem* għandu jiżdied mad-dazju doganali applikabbli taħt [ir-]Regolament (KEE) Nru 2913/92 fuq prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika imniżżla fl-Anness ma' dawn ir-Regolamenti, kif ġej:

— 5 % mill-1 ta' Marzu 2004 sal-31ta' Marzu 2004."

5 L-Artikolu 4(1) u (2) tal-istess regolament jipprovdi:

"1. Il-prodotti mniżżla fl-Anness, li qabel id-data li fih beda jseħħ dan ir-Regolament, kienet inħarġitilhom liċenza ta' importazzjoni b'eżenzjoni minn jew riduzzjoni tad-dazju ma jkunux suġġetti għal dazju doganali addizzjonali.

2. Il-prodotti mniżżla fl-Anness li jista' jiġi ppruvat li kienu diġà fi triqithom lejn il-Komunità fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, ma jkun[u]x suġġetti għal dazju doganali addizzjonali."

6 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2193/2003 jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea."

7 L-imsemmi regolament ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Diċembru 2003.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Fil-5 ta' Marzu 2004, Tyson Parketthandel talbet ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' lott ta' strixxi tal-parkè ppressati kontra xulxin u magħmulin mill-injam tas-siġra taċ-ċirasa, li jaqa' taħt is-subintestatura 4409 20 98 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 381), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003 tal-11 ta' Settembru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 14, p. 3), lott li joriġina mill-Istati Uniti fejn, fl-20 ta' Frar 2004 kien ġie mgħobbi sabiex jintbagħat bil-baħar.

9 Permezz ta' avviż ta' taxxa tal-istess jum u indirizzat lil Tyson Parketthandel, il-Hauptzollamt stabbilixxa dazji fuq l-importazzjoni, jiġifieri dazju doganali addizzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni. Id-dazju doganali addizzjonali kien ġie miġbur, fil-forma ta' dazju *ad valorem* bir-rata ta' 5 %, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 2193/2003.

10 Tyson Parketthandel ressqet ilment kontra l-imsemmi avviż ta' taxxa biss sa fejn dan kien jikkonċerna d-dazju doganali addizzjonali, iżda dan l-ilment ġie miċħud.

11 Tyson Parketthandel ressqet rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tagħha, quddiem il-Finanzgericht Bremen, li annullat l-avviż ta' taxxa li jiffissa l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni li għalih din il-kumpannija hija responsabbli, sa fejn dazju doganali addizzjonali kien ġie ffissat u meħud inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-istabbiliment tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni. Fil-fatt, il-Finanzgericht Bremen iddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 2193/2003 għandhom jiġu interpretati, fid-dawl tal-kliem tal-premessa 6 ta' dan l-istess regolament, fis-sens li ma kienx hemm lok li jiġi impost dazju doganali addizzjonali fuq prodotti li kienu diġà fi triqihom lejn il-Komunità qabel id-data tal-ewwel applikazzjoni tas-sistema ta' dazji doganali addizzjonali, jiġifieri qabel l-1 ta' Marzu 2004, u li d-destinazzjoni tagħhom ma setgħetx iktar tinbidel.

12 Fil-kuntest tar-rikors għal "Reviżjoni" li huwa ppreżenta kontra din is-sentenza tal-Finanzgericht Bremen, il-Hauptzollamt isostni li ma hemmx lok għal interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 2193/2003 f'sens kuntrarju għal dak li jirriżulta mill-kliem tiegħu, li bl-ebda mod mhuwa ambigwu.

13 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Bundesfinanzhof indikat li l-kliem ċar u mhux ekwivoku tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 2193/2003 u l-paragun tal-verżjoni Ġermaniża ma' dik Franċiża u Ingliża ta' din id-dispożizzjoni jimmilitaw favur applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni konformi mal-kliem tagħha. Fid-dawl tal-premessa 6 ta' dan ir-regolament, il-qorti tar-rinviju madankollu għandha dubju dwar jekk il-kliem tal-Artikolu 4(2) tiegħu jikkorrispondix realment mal-intenzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju.

14 Peress li s-soluzzjoni għall-kawża li tressqet quddiemha tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 2193/2003, il- Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

" L-Artikolu 4(2) tar-Regolament […] Nru 2193/2003 […] għandu jiġi interpretat f'sens li huwa kuntrarju għal dak tal-kliem tiegħu, jiġifieri li l-prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi pprovat li huma diġà fi triqthom lejn il-Komunità fid-data tal-ewwel applikazzjoni ta' dazji doganali addizzjonali u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, mhumiex suġġetti għad-dazji addizzjonali?"

Fuq id-domanda preliminari

15 Id-dubji tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-imsemmija dispożizzjoni, jirriżultaw mill-fatt li l-kliem tal-premessa 6 tar-Regolament Nru 2193/2003 jagħtu x'jifehem li l-prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi pprovat li kienu esportati mill-Istati Uniti lejn il-Komunità qabel id-data tal-ewwel applikazzjoni ta' dawn id-dazji — jiġifieri skont l-Artikolu 2(1) tal-istess regolament, qabel l-1 ta' Marzu 2004 — ma għandhomx ikunu suġġetti għal dazji doganali addizzjonali. Konsegwentement, formulazzjoni bħal din toħloq ċertu ambigwità bejn l-intenzjoni hekk espressa mil-leġiżlatur Komunitarju u l-kliem espliċitu tal-imsemmi Artikolu 4(2) li abbażi tiegħu l-prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi pprovat li huma diġà fi triqthom lejn il-Komunità fid-data li l-imsemmi regolament jidħol fis-seħħ jiġifieri, skont l-Artikolu tiegħu, fis-17 ta' Diċembru 2003, mhumiex suġġetti għal dawn id-dazji.

16 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-premessi ta' att Komunitarju ma għandhomx forza legali vinkolanti u la jistgħu jiġu utilment invokati biex issir

deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati f'sens manifestament oppost għall-kliem użat fihom (ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 2005, Deutsches Milch-Kontor, C-136/04, Ġabra p. I-10095, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Sussegwentement, għandu jiġi kkonstatat li la x-xogħol preparatorju tar-Regolament Nru 2193/2003, u l-anqas paragun tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tiegħu ma juru li l-kliem tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament huwa żbaljat fl-ifformular tiegħu.

18 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-imsemmi Artikolu 4(2), li barra minn hekk il-kliem tiegħu mhuwiex ambigwu, huwa konsistenti mas-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 2193/2003. Hekk kif osservat il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi għandhom fil-fatt ikunu jistgħu jserħu fuq il-fatt li l-prodotti li huma esportaw mill-Istati Uniti lejn il-Komunità, qabel id-data tal-pubblikazzjoni u tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, mhux ser ikunu suġġetti għad-dazji doganali addizzjonali stabbiliti minnu. Min-naħa l-oħra, din l-aspettattiva mhijiex leġittima fir-rigward ta' prodotti li kienu ġew esportati wara l-imsemmija data inkwantu, minn din id-data, l-operaturi ekonomiċi ma setgħux jinjoraw il-fatt li dazji doganali addizzjonali ikunu applikabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament.

19 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-premessa 6 tar-Regolament Nru 2193/2003 ma tistax tiġi invokata sabiex l-Artikolu 4(2) tiegħu jkun interpretat f'sens manifestament oppost għall-kliem ta' din id-dispożizzjoni.

20 Konsegwentement, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament Nru 2193/2003 għandu jkun interpretat f'sens li huwa konsistenti ma' dak tal-kliem tiegħu, jiġifieri li l-prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi pprovat li huma diġà fi triqthom lejn il-Komunità fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel mhumiex suġġetti għad-dazji addizzjonali.

Fuq l-ispejjeż

21 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2193/2003 tat-8 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' ċertu prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, għandu jiġi interpretat f'sens li huwa konformi ma' dak tal-kliem tiegħu, jiġifieri li l-prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi pprovat li huma diġà fi triqthom lejn il-Komunità Ewropea fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, mhumiex suġġetti għad-dazji addizzjonali.

Firem